



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 24 ta' Ġunju 2011 (28.06)
(OR. en)**

12116/11

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0165 (NLE)**

**EEE 29
TRANS 205
AVIATION 178**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data:	22 ta' Ġunju 2011
Nru dok. Cion:	COM(2011) 378 finali
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XIII (Trasport)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż propoſta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2011) 378 finali



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 22.6.2011
KUMM(2011) 378 finali

2011/0165 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
rigward emenda għall-Anness XIII (Trasport)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġenità li huma meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-Komunità fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ANALIŻI TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness XIII (Trasport) billi jżid *acquis* Komunitarju ġdid f'dan il-qasam: Dan jikkonċerna r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) li għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim. Din id-deċiżjoni għandha l-għan li tittrasponi r-regoli komuni dwar l-operar tas-servizzi tal-ajru filwaqt li tippermetti li jingħataw liċenzji madwar iż-ŻEE mill-Istati tal-EFTA taħt il-kundizzjoni li l-ftehim rispettiv ma' pajjiż terz jiġi approvat mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Din id-deċiżjoni qed tipprovdi wkoll limitu ta' żmien ta' 5 snin għal obbligi tas-servizz pubbliku għal ajruporti reġjonali fl-Islanda u l-erba' kontej li jinsabu l-aktar fit-tramuntana tan-Norveġja bl-istess mod bħar-reġjuni l-aktar periferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE minħabba li dawn iż-żoni ġeneralment ikollhom żoni ta' rotot li jistgħu jitqiesu bħala ugwalment periferiċi bħal tar-reġjuni l-aktar periferiċi tal-UE.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1008/2008 jirrevoka r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 2407/92, 2408/92 u 2409/92, li huma inkorporati fil-Ftehim u li konsegwentement għandhom jiġu revokati skont il-Ftehim.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżenta l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' ikun malajr.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-
ŻEE
rigward emenda għall-Anness XIII (Trasport)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100(2) u 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Anness XIII għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi rigward it-trasport.
- (2) Huwa xieraq li jiġi inkorporat fil-Ftehim ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi bl-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni)². Huwa xieraq ukoll li jiġu revokati r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 2407/92³, 2408/92⁴ u 2409/92⁵, li huma bħalissa inkorporati fil-Ftehim u li ġew revokati bir-Regolament (KE) Nru 1008/2008.
- (3) L-Anness XIII mal-Ftehim taż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.

³ ĠU L 240, 24.8.1992, p. 1.

⁴ ĠU L 240, 24.8.1992, p. 8.

⁵ ĠU L 240, 24.8.1992, p. 15.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu uniku

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda prevista għall-Anness XIII mal-Ftehim dwar iż-ŻEE huwa stipulat fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Abbozz ta'

TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru

ta'

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru.../... ta'⁶
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni)⁷ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nri 2407/92⁸, 2408/92⁹ u 2409/92¹⁰, li huma inkorporati fil-Ftehim u li konsegwentement għandhom jiġu revokati skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 64a (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92) għandu jinbidel b'dan li ġej:

‘32008 R 1008: Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi bl-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

⁶ ĠU L ...
⁷ ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.
⁸ ĠU L 240, 24.8.1992, p. 1.
⁹ ĠU L 240, 24.8.1992, p. 8.
¹⁰ ĠU L 240, 24.8.1992, p. 15.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fl-Artikolu 4(f) il-kliem ", ħliet kif previst fi ftehim ma' pajjiż terz li għalih il-Komunità tkun parti;" għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“ . Madanakollu, il-liċenzji tal-operar b'effetti legali fiż-ŻEE kollha jistgħu jingħataw fuq il-bażi ta' eċċezzjonijiet għal din il-kundizzjoni provduti fil-ftehimiet ma' pajjiżi terzi li magħhom il-Komunità jew wieħed jew aktar mill-Istati tal-EFTA huma partijiet, sakemm il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jadotta deċiżjoni għal dak il-għan.”

- (b) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-aħħar tal-Artikolu 16(9), it-tieni subparagrafu:

", kif ukoll l-ajruporti reġjonali fl-Islanda u l-erba' kontej li jinsabu l-aktar fit-tramuntana tan-Norveġja.”

2. It-test tal-punti 65 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2409/92) u 66b (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2407/92) għandhom jiġihassru.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.] [Ħtiġijiet kostituzzjonali huma indikati.]